MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2012

Numru. 39/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**
**VS**
**FELIX FENECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Felix Fenech, bin Giuseppe u Michelina nee’ Caruana, mwieled 23 ta’ Jannar 1955 Mellieha, residenti Joe, Triq l-Ghabgex, San Pawl il- Bahar u detentur tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 134855M;

Talli fit- 30 ta’ Ottubru 2010 ghall- habta tat- 15.30hrs gewwa l- fond 75, Joeden, Triq San Luqa, San Pawl il-Bahar;

1) ingurja u/ jew hedded lil Denise Fenech bi kliem

2) u aktar talli fl- istess data, hin u lok hebb ghall- persuna ta' Denise Fenech u kkagunalha griehi ta' natura gravi hekk skont kif iccertifikata minn Dr. John Schembri REG 1327 mic- Centru tas- Sahha tal- Mosta;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni wara li wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 339(1)(d) u (e), 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.
Torbot lill-imputat b'garanzija tieghu nnifsu ghal sena favur Joseph u Denise Fenech, taht penali ta' elf ewro (€1,000) ai terminu tal- Artikolu 383 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------